

# KBIRNA MAGĦHOM




**F'din il-ħarġa, GWIDA, se ġġedded il-memorji ta' sezzjoni kbira tal-qarrejja tagħha. Min għex is-Snin 70 u s-Snin 80 jiftakar uħud mill-cartoons li kienu jixxandru fuq l-istazzjonijiet televiżivi Taljani. Jiftakar cartoons bħal Goldrake, Mazinga Z, Lupin, L'Incantevole Creamy u ħafna oħrajn. Uħud minn dawn il-cartoons jixxandru minn żmien għall-ieħor fuq l-istess stazzjonijiet Taljani.**

## Candy Candy

Imnebbħa minn novella Ġappuniża li ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-1975. Sa sena wara l-istorja ta' din it-tfajla Amerikana bin-nemex kienet popolari mhux biss fil-Ġappun iżda wkoll f'pajjiżi Ewropej, l-Asja, l-Afrika u fl-Amerka t'Isfel. Għalkemm kienet ġiet żviluppata f'serje animata maqsuma f'115 puntata, l-elementi ta' din is-serje kienu simili għal dak ta' soap opera fejn kull puntata kienet tintemm bi cliffhanger.

Interessanti li dak li kien qiegħed jiġri wara l-kwinti kien ukoll qisu soap opera hekk kif kienet inqalgħet kontroversja meta Yumiko Igarashi, l-artista li animat lil Candy, iddeċidiet li toħroġ xi merchandising marbuta ma' Candy Candy u dan mingħajr ma kkonsultat mal-kollega tagħha Kyoko Mizuki, l-awtriċi u l-moħħ wara Candy.

Fl-1998 Mizuki fetħet kawża l-qorti titlob li l-Ġustizzja tirrikonoxxi li kemm hi kif ukoll Igarashi kellhom sehem indaqs mis-serje. Il-Qorti qatgħetha favuriha u finalment ġiet ikkumpensata b'29,500,000 yen għall-istress li għaddiet minnu.

Minħabba fil-kontroversja li nqalgħet Candy Candy twaqqfet milli tixxandar f'kull pajjiż fl-1998. Interessanti nsemmu li fl-1978 u fl-1992 fiċ-ċinema Ġappuniż kienu nħarġu żewġ films ta' Candy Candy.

**Ikompli f'paġna 35**



Ikompli minn paġna 33

## Lady Oscar

The Rose of Versailles, jew kif inhi magħrufa aktar bħala Lady Oscar, kienet serje ta' 40 puntata ambjentata fi Franza. Il-ġrajja, li sseħħ qabel u waqt ir-Rivoluzzjoni Franċiża, inħolqot minn Riyoko Ikeda u kienet tittratta l-ħajja ta' Oscar Francois de Jarjayes, tfajla li trabbiet minn missierha bħala raġel għax riedha tkun is-suċċessur tiegħu u ssir il-kmandant tal-għassiesa tal-Palazz tar-Re.

Lady Oscar inħareġ għall-ewwel darba bħala komik fl-1973 f'faxxikli fil-Margaret Magazine. Minbarra bħala serje televiżiva tal-cartoons, Lady Oscar inħadem ukoll bħala film għaċ-ċinema fl-1979 b'Catriona MacColl fil-parti ewlenija. Patsy Kensit interpretat lil Oscar ta' età żgħira.

Il-ġrajja ta' The Rose of Versailles kienet inħadmet ukoll musical għat-teatru Franċiż.




## Occhi di Gatto

Cartoons ta' Tsukasa li fil-Ġappun ixandar għall-ewwel darba fl-1983. Bħala komiks ġie ppubblikat fi 18-il volum bejn l-1981 u l-1985.

Fl-Italja wasal fl-1985 u kienet tixxandar fuq l-Italia Uno. Fl-1999 is-Star Comics beda jippubblika wkoll l-istejjer tagħhom.




Il-protagonisti tas-serje kienu tliet aħwa bniet li jmexxi l-bar Cat's Eyes iżda li mal-lejl kienu joperaw ukoll bħala ħallelin tal-opri tal-arti. L-ewwel staġun ta' Occhi di Gatto kien jikkonsisti f'36 puntata waqt li t-tieni f'37 puntata.

## Kiss Me Licia

Kienet serje ta' suċċess li nibtet mill-cartoons Ġappuniż għal serje televiżiva Taljana. Kiss Me Licia hija ħolqien ta' Kaoru Tada u bdiet fl-1982. Fl-Italja bdiet tixxandar fl-1985. Is-silta mużika interpretata minn Cristina D'Avena kienet it-tema mużika minn programm televiżiv li l-aktar li biegħet fl-Italja fl-1986.

Bħala serje tal-cartoons, Kiss Me Licia kellha 42 puntata. Fl-Italja mbagħad bdew it-telefilm. L-ewwel wieħed Love Me Licia fisser id-dehrit ta' Cristina D'Avena bħala attriċi. B'kollox kien hemm 35 puntata.

It-tieni serje, Licia Dolce Licia, kompliet fuq is-suċċess ta' qabilha u damet għaddejja għal 39 puntata.

Teneramente Licia kienet it-tielet serje b'Licia issa tingħaqad mal-grupp

Ikompli f'paġna 36






**Ikompli minn paġna 35**

Beehive bħala l-kantanta tagħhom. Dan l-istaġun kellu 36 puntata.

Ir-raba' u l-aħħar serje xxandret fl-1989 u bħal ta' qabel kellha 36 puntata. Intitolata Balliamo e Cantiamo con Licia s-serje spiċċat bl-aħħar puntata fejn Licia tiskopri li hi tqila u tistenna lil Mirko jqum biex taqsam miegħu din l-aħbar.

## Lupin III

Grupp ta' ħallelin, bil-kap tagħhom Lupin III, neputi tal-ħalliel rinomat Arensio Lupin, kienu l-protagonisti ta' din is-serje animata Ġappuniżi maħluqa minn Kazuhiko Kato. Matul is-serje, Lupin u sħabu daru d-dinja biex jisirqu teżori kbar.

Lupin III ra l-bidu tiegħu fl-1967 fil-Weekly Manga Action. Wara s-suċċess fir-rivista, Lupin inħadem film u wara serje televiżiva li bdiet tixxandar nhar l-24 ta' Novembru 1971. B'kollox kien hemm 23 puntata.

Fit-3 ta' Ottubru 1977 waslet it-tieni serje. Din id-darba kien hemm interess għal ħafna aktar puntati. L-istazzjon Ġappuniż li xandarha ma riedx sempliċiment 23 puntata u minflok it-tieni serje kienet tinkludi 155 puntata. Damu jixxandru sal-1980.

Bejn it-3 ta' Marzu 1983 u t-28 ta' Settembru 1986 ixxandret it-tielet serje. Lupin, flok il-ġakketta ħamra li kien magħruf biha, beda jidher b'waħda roża. Is-serje kienet tinkludi 50 puntata. Fl-istess perjodu kien inħareġ ukoll il-film The Legend of the Gold of Babylon. Lejn tmiem is-Snin 80 bdew jinħarġu films ta' Lupin għal fuq vidjo.

## Atlas UFO Robot / Goldrake

Serje oħra Ġappuniża li rat il-bidu tagħha fl-1975. B'kollox kien hemm 74 puntata. Fl-Istati Uniti kienet ukoll ixxandret b'suċċess bl-isem ta' Grandizer u fl-Italja kienet ixxandret bħala Atlas UFO Robot iżda kienet magħrufa bħala Goldrake.

Is-serje li fil-Ġappun ixxandret bejn l-1975 u l-1977 kienet maħluqa fuq idea ta' Gu Nagai, l-istess li kien ħoloq il-Mazinga Z. Ironikament Goldrake kien ixxandar fl-Italja qabel Mazinga u kien kiseb suċċess akbar. Infatti Goldrake ixxandret fuq Rai 2 fuq tliet staġuni. L-ewwel wieħed ta' 24 puntata bejn l-4 ta' April u s-6 ta' Mejju 1978; it-tieni wieħed ta' 25 puntata Bejn it-12 ta' Diċembru 1978 u t-12 ta' Jannar 1979; it-tielet staġun kien dak ta' 22 puntata bejn il-11 ta' Diċembru 1979 u s-6 ta' Jannar 1980.

Rai Due kien xtara d-drittijiet tal-puntati kollha iżda minħabba raġunijiet ta' ċensura kien qabeż tliet puntati: il-15, id-29 u l-71 episodju. Ir-ratings tar-RAI kienu b'saħħithom ħafna kull meta kien jixxandar Goldrake. Il-merchandising tas-serje nfirex mal-pajjiż kollu. Iżda l-ġenituri bdew juru t-tħassib tagħhom dwar l-effett ta' din is-serje. Iżda minkejja l-protesti tagħhom is-serje baqgħet tixxandar u kellha l-appoġġ ta' xi politiċi wkoll, fosthom is-Senatur Silverio Corvisieri.

Fl-Italja nħarġu tliet films għaċ-ċinema. Il-films ma kinux uffiċċjali u kienu biss puntati televiżivi editjati f'film wieħed. Il-films kienu ġew intitolati Goldrake all'Attacco, Goldrake l'invincibile u Goldrake Addio.

## Mazinga Z

Cartoons ieħor ta' suċċess li wasal fl-Italja, fuq Rai Uno, fl-1980. Però kien inħadem oriġinarjament fl-1972. Kien l-ewwel cartoons ta' robots li għamlu suċċess. Tant kien popolari li fil-Ġappun kien inħareġ sett ta' bolli tal-karattri ewlenin f'dan il-car-





Lupin III





Sailor Moon




toons. Minn din is-serje kien hemm b'kollox 92 puntata iżda r-RAI kien għamel id-dubbing għat-Taljan għal 51 puntata biss. L-oħrajn baqgħu ma xxandrux. Minn kull puntata li xandar ir-RAI kien hemm xeni qosra maqtugħa u għalhekk kull puntata kienet twila biss 20 minuta.

Għalkemm ma kienx popolari daqs Goldrake, Mazinga kien popolari, tant li Renato Zero semmieh ukoll fil-kanzunetta tiegħu Viva La Rai.

Il-lirika kienet tgħid hekk:

**Ikompli f'paġna 37**

Ikompli minn paġna 36

"Viva la Rai, se sarai buono il tuo Mazinga vedrai..."

Is-sigla Taljana li konna nsegwu fuq ir-RAI kienet interpretata minn Galaxy Group.


Georgie

## Georgie

Kien Italia Uno li fl-1984 beda jxandar din is-sensiela ta' cartoons li kienet tikkonsisti f'45 puntata. Kienet maħluqa minn Yumiko Igarashi, li kienet ukoll id-disinjatriċi tal-cartoons popolari ta' Candy Candy.

Għall-verżjoni li xxandret fl-Italja, l-Mediaset għażlu li jiċċensuraw diversi xeni minħabba li nħassu li ma kinux tajbin għall-udjenza fil-ħin tal-familja. Kien hemm xena ta' suwiċidju, xena fejn Georgie tneżża' lil Lowell, xena fejn Georgie timmaġina lil Lowell għarwien, kif ukoll għadd ta' xeni oħra.

## Sailor Moon

Naoko Takeuchi kien ħoloq dan il-cartoons li dam għaddej mill-1992 sal-1997. B'kollox kien hemm ħames staġuni u nistgħu ngħidu li dan huwa l-aktar cartoons riċenti minn fost dawk li qed nitrattaw f'din il-ħarġa. Meta bdiet din is-serje qatt ma ħasbu li kienu se jdumu għaddejjin ħames snin għax fil-fatt ippjanaw biss li jdumu għaddejjin sitt xhur.

Bħala serje televiżiva b'kollox kien hemm madwar 2,000 puntata, kif ukoll puntati oħra speċjali. Saru wkoll tliet films għaċ-ċinema. Bejn l-1993 u l-2005 ittellgħu 29 musical fuq il-palk kollha bi storja differenti u li tagħhom b'kollox saru 800 wirja.

Kurżità żgħira hija li l-ewwel pajjiż li xandar Sailor Moon wara l-Ġappun kienet Franza.


Care Bears

## Care Bears

B'differenza mill-cartoons kollha li qed nitkellmu fuqhom, Care Bears ma kinitx serje Ġappuniża iżda waħda Amerikana li nibtet mill-karattri tal-kartolini.

Kienet Elena Kucharik li ħarġet bid-disinji ta' dawn il-karattri li kollha kellhom kulur differenti. Bħala serje ta' cartoons, The Care Bears ixxandret bejn l-1985 u l-1988. Kien hemm ukoll tliet films għaċ-ċinema: The Care Bears Movie (1985), Care Bears Movie II: A New Generation (1986) u The Care Bears Adventure in Wonderland (1987).

Naqra kurżitajiet interessanti ma' The Care Bears: Bejn l-1983 u l-1987 inbiegħu madwar 40 miljun Care Bear. Matul l-10 snin li kienu fuqnett tas-suċċess tagħhom, il-kumpanija American Greetings stampat 70 miljun kartolina ta' The Care Bears u l-bejgħ fil-merchandising ta' The Care Bears laħħaq iż-$2 biljuni.

## L'Incantevole Creamy

Maħduma fil-Ġappun fl-1983, L'Incantevole Creamy waslet fuq Italia Uno fl-1985. B'kollox kien hemm 52 puntata u ġie maħdum eżatt biex ikun hemm puntata fil-ġimgħa għal sena sħiħa. Għal żmien il-Milied kien hemm ukoll puntati speċjali biex jinħarġu fiż-żmien tagħhom.

Puntata partikolari, is-27 waħda, kienet iċċensurata milli tixxandar fl-Italja. Intitolata Gli Occhi di Marion kienet waħda thriller iżda li nħasset li ma kinitx addattata għat-tfal. Madanakollu meta saru r-ripetizzjonijiet tas-serje fis-Snin 90, din il-puntata xxandret ukoll.

Fil-verżjoni oriġinali Ġappuniża il-karattru protagonista kien jisimha Mami iżda t-Taljani għażlu li jibdluh għal Creamy.

## L'Uomo Tigre — Tiger Man

Nhar it-2 ta' Ottubru 1969 fil-Ġappun beda jixxandar cartoon ieħor Tiger Man li fl-Italja wasal fl-1982 bħala L'Uomo Tigre. Kien hemm 105 puntata ta' din is-serje maħluqa minn Ikki Kajiwara. F'xi pajjiżi is-serje ntweriet bħala Tiger Mask.

Il-ġrajja kienet differenti minn cartoons oħra Ġappuniżi u kienet ambjentata fid-dinja tal-wrestling fejn il-protagonist jilbes maskra ta' tigra u kien b'saħħtu.

Tant kiseb suċċess li diversi federazzjonijiet tal-lotta Ġappuniża bdew jużaw bħala gimmick waqt l-attivitajiet tagħhom raġel liebes b'maskra tat-tigra.








Candy

## The Smurfs / I Puffi

Kien nhar it-3 ta' Ottubru 1958 meta l-karattri ta' The Smurfs tfaċċaw għall-ewwel darba. Kien permezz tal-paġni tar-rivista Le Journal de Spirou li bdew jidhru dawn il-karattri ħelwin maħluqa minn Peyo, li ismu proprju kienu Pierre Culliford.

The Smurfs kienu suċċess internazzjonali u l-oriġini tagħhom la kien mill-Ġappun u lanqas mill-Istati Uniti jew mis-suq Ingliż. The Smurfs ġew mill-Belġju.

Fl-1965 il-film black & white ta' 87 minuta Les Aventures des Schtroumpfs ħareġ fiċ-ċinema u kien ġabra ta' ħames cartoons qosra li fis-snin ta' qabel kienu xxandru fuq it-TV. Fl-1976 ħareġ La Flute à six Schtroumpfs iżda ma kienx qabel l-1983 li nħareġ fl-Istati Uniti bħala The Smurfs & The Magic Flute.

Dan kien sentejn wara li huma bdew jidhru fuq it-televiżjoni u litteralment ġennu lit-tfal madwar id-dinja. Infatti huma ddebuttaw fuq it-TV Amerikan nhar it-12 ta' Settembru 1981 u temmew l-avventura tagħhom nhar it-12 ta' Jannar 1990. B'kollox kien hemm 421 puntata ta' 22 minuta il-wieħed. Sentejn wara li ntemmet is-serje, l-awtur tagħha Peyo, kien miet fid-dar tiegħu fi Brussells.

Iżda taħsbux li daqshekk smajtu b'The Smurfs jew aħjar I Puffi. Infatti Sony Pictures ħabbret li hemm serje ta' tliet films animati li huma pjanati bl-ewwel wieħed mistenni joħroġ is-sena d-dieħla. Huma qed jinnegozjaw ma' J. David Stem u David N. Weiss, li kitbu Shrek The Third.

**IL-FAVORITI TAGĦKOM**

**Liema kienu l-cartoons favoriti tiegħek? Jekk tixtieq taqra fuq xi cartoons li kbirt magħhom ibgħatilna liema kienu l-favoriti tiegħek u fi ftit ġimgħat oħra nwasslulkom aktar tagħrif dwar grupp ieħor ta' cartoons li kbirna magħhom!**